

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5034 — Montagu/GIP/Biffa)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2008/C 43/08)

1. Fil-11 ta' Frar 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Montagu Private Equity LLP ("Montagu", r-Renju Unit), u Global Infrastructure Partners ("GIP", l-Istati Uniti ta' l-Amerika) jakkwistaw, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l-impriża Biffa PLC ("Biffa", r-Renju Unit) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriża kkonċernati huma:

— għal Montagu: fond ta' ekwità privata,

— għal GIP: fond ta' ekwità privata,

— għal Biffa: ġbir, trattament, rimi u riċiklaġġ ta' skart muniċipali, kummerċjali u industrijali.

3. Wara l-ewwel evalwazzjoni, il-Kummissjoni sabet li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (nru tal-fax (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5034 — Montagu/GIP/Biffa, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru għall-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.